13 ta' Marzu, 1964

Imhallef:

Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D

John Leslie Duncan noe

*versus*

Alfred Zammit noe et

**Interpellanza għall-pagament — Spejjeż tal-kawża — Metodu ta' pagament.**

*Ir-regola generali hi li trattandosi ta' ħlas ta' flus dan għandu jsir fejn joqgħod il-kreditur; imbagħad ir-regola partikolari hi, b'riferenza għall-konsenji minn impjegat għall-principal tiegħu, li l-impjegat li jagħmel il-konsenja jista' jirċievi l-prezz tal-oġġetti konsenjati però ma jistax jagħti żmien għall-ħlas.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u mogħti kull provvediment opportun — il-konvenut nomine jiġi kkundannat li jħallsu s-somma ta' mija u disgħa u għoxrin lira u sold (£129.0.1d) prezz ta' kotba, rivisti u gazzetti mibjugħa u kkonsenjati lill Alfred Zammit għad-ditta konvenuta. Bl-ispejjeż tal-preżenti u tal-ittra uffiċjali kif ukoll l-imgħaxijiet skond il-liġi;

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ta' dana Francis Zammit nomine li biha qal li hu qatt ma rċeva ebda kont minn għand l-attur nomine għas-somma mitluba u qatt ma ġie nterpellat, uffiċjalment jew b'xi ittra bonarja biex iħallsu; mill-aħħar "statement" tal-attur nomine u minn "Invoices" sussegwenti (li esibixxa) jirriżulta li huwa għandu jagħti biss is-somma ta disgħa u għoxrin lira u sold (£29.0.1) li dejjem kien pront biex iħallas;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Illi d-domanda attriċi hija diretta biex jitħallas il-bilanċ li għadu dovut lid-ditta attriċi li hija in likwidazzjoni. Fil-fatt il-lum m'hemmx iżjed kustjoni fuq l-ammont ta' l-istess bilanċ billi l-attur irrikonoxxa li l-pagamenti kienu kemm qal il-konvenut nomine u hekk id-domanda attriċi ġiet ridotta għall-ammont li l-konvenut mill-ewwel kien qal li għandu jagħti; dan hu ta' disgħa u għoxrin lira u sold (£29.0.1);

Illi l-premessa naturalment jinfluwixxi fuq il-kap ta' l-ispejjeż billi dwar l-ammont ċedut għandhom jibqgħu għall-attur; il-konvenut però qiegħed ukoll jopponi ruħu għall-kumplament ta' l-ispejjeż, dwar l-ammont minnu ammess, billi hu qatt ma rċeva xi intima biex iħallas u l-proċedura dejjem kienet li l-ħlas jagħmlu lill-impjegat tad-ditta attriċi li kien jagħmillu xi konsenji wara però li jkun irċeva minn għand l-istess ditta "statement" li juri l-pożizzjoni tiegħu mad-ditta; fil-fatt qal li ma rċeviex iżjed "statements" bħal dawn wara l-aħħar konsenja u lanqas ma mar impjegat biex jitħallas: hu però kien sar jaf li d-ditta attriċi kienet qiegħda in likwidazzjoni għax sema minn għand tal-ħwienet oħrajn bħalu;

Illi fil-fatt ma jirriżultax li kien isir differentement milli jgħid il-konvenut kuratur u lanqas ma rriżulta li kien hemm

xi nterpellazzjoni għall-ħlas billi l-ittra uffiċjali msemmija fiċ-ċitazzjoni (li kienet preżentata fl-erbatax (14) ta' Ġunju 1963) ma kienetx ġiet notifikata. B'danakollu, fil-fehma tal-Qorti dan ma jistax iwassal ħlief biex ikun hemm xi temperament fil-kap ta' l-ispejjeż, kunsidrat ukoll il-fatt li f'dik l-ittra uffiċjali jingħata ndirizz għall-ħlas differenti minn dak li jidher fuq l-ittri tad-ditta attriċi, dovut dana aktarx għall-fatt li din qed tiġi likwidata; il-konvenut però mhux korrett fejn jippretendi li hu seta' joqgħod jistenna li jmur impjegat tad-ditta għandu biex iħallsu għaliex għalkemm qabel kien isir hekk dan ma jistax jitqies li kien jammonta għall-prattika li torbot lid-ditta attriċi iżda ħaġa li kienet biss minn din tollerata. Hu magħruf l-ewwelnett li r-regola ġenerali hi li trattandosi ta' ħlas ta' flus dan għandu jsir fejn joqgħod il-kreditur; imbagħad ir-regola partikolari hi, b'riferenza għall-konsenji minn impjegat għall-prinċipal tiegħu, li l-impjegat li jagħmel il-konsenja jista' jirċevi l-prezz ta' l-oġġetti konsenjati però ma jistax jagħti żmien għall-ħlas u kwindi, f'nuqqas li jsir skond dina r-regola speċjali, għandu jsir skond ir-regola ġenerali. Jekk imbagħad wieħed irid joqgħod għal dak li hemm miktub fil-qiegħ ta' l-"Invoices" u "statements" tad-ditta attriċi (eżibiti mill-konvenut), dawn juru li l-ħlas jista' ma jsirx mal-konsenja stess billi l-kont jintbagħat wara għand id-ditta attriċi bir-rimessa relativa u allura d-ditta tibgħat lura l-istess kont bl-irċevuta; il-konvenut seta' jistenna ftit taż-żmien biex jara x'sejjer isir u forsi l-ħlas kien jerġa' jagħmlu bħas-soltu, però la darba għadda ż-żmien sew u ma ġara xejn f'dana s-sens u anzi sema li d-ditta attriċi kien qegħda tiġi likwidata kien fid-dover li jmur iħallas hu stess għandha jew jibgħatilha l-flus mal-kont; ma jidhirx li ċċaqlaq b'xi mod f'dana r-rigward;

Għal dawna l-motivi:—

Il-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' t-talba attriċi għas-somma ta' disgħa u għoxrin lira u sold (£29.0.1) bl-imgħax mil-lum. L-ispejjeż jitħallsu kwint mill-konvenut u erba' (4) kwinti

mill-attur nomine, li jħallas ukoll l-ispejjeż ta' l-ittra uffiċjali.